C/2024/4141

27.6.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11500 — RENAULT / PLUG POWER / HYVIA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/4141)

1. Fl-20 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara rinviju skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Renault SAS ("Renault", Franza), ikkontrollata minn Renault S.A. (Franza),

— Plug Power France ("Plug Power", Franza), ikkontrollata minn Plug Power Inc. (l-Istati Uniti),

— HyVia (Franza).

Renault u Plug Power se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' HyVia..

Il-konċentrazzjoni qed issir bix-xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Renault timmanifattura u tbigħ il-vetturi, inkluż karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ("LCVs"),

— Plug Power tiżviluppa, tipproduċi u tbigħ l-idroġenu, l-elettrolizzaturi, u s-sistemi taċ-ċelloli tal-fjuwil għall-applikazzjonijiet industrijali u tal-mobbiltà.

3. Hyvia hija attiva fil-manifattura u l-provvista tal-LCVs taċ-ċelloli tal-fjuwil u fil-provvista ta' stazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Iżda d-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li għandhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien għaxart (10) ijiem mid-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja jenħtieġ li tiġi speċifikata dejjem:

M.11500 — RENAULT / PLUG POWER / HYVIA

L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji tal-kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË